Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0045(COD)

8.10.2025

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà
(COM(2025)0081 – C10-0037/2025 – 2025/0045(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Li Andersson

PA_Legrej

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-UE ilha minn ta' quddiem fid-dinja fir-rigward tas-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta korporattiva u impenjat ruħha favur konverġenza 'l fuq kemm fis-sostenibbiltà ambjentali kif ukoll f'dik soċjali, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fuq livell dinji. Fil-qasam tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta korporattiva, dan ġie eżemplifikat bid-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 li stabbilew pjattaforma soda għar-rapportar u d-diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà. Il-kombinazzjoni ta' dawn id-Direttivi żgurat, fost affarijiet oħra, id-disponibbiltà ta' data u riskji relatati mas-sostenibbiltà vitali kemm għall-investituri kif ukoll għall-NGOs li jivvalutaw l-abbużi, mekkaniżmi għall-kumpaniji biex itejbu l-proċessi ta' diliġenza dovuta u s-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-valur sħaħ tagħhom kif ukoll aċċess akbar għall-ġustizzja għal dawk li jġarrbu danni tul il-katina tal-valur.

Il-proposta attwali tal-Kummissjoni taf iddgħajjef l-elementi fundamentali ta' dan il-qafas il-ġdid ta' rapportar u diliġenza dovuta dwar is-sostenibbiltà. Għalkemm l-għan tas-simplifikazzjoni f'termini ta' dmirijiet ta' rapportar għall-kumpaniji huwa ta' min ifaħħru u passi relatati, fost oħrajn, mar-rapportar elettroniku jew l-użu akbar tal-linji gwida jintlaqgħu tajjeb, is-simplifikazzjoni ma tistax tfisser deregolamentazzjoni wiesgħa u ġenerali li tbiddel l-kampijiet ta' applikazzjoni sħaħ tad-direttivi preċedenti. Iż-żarmar ta' partijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni jaf mhux biss joħloq inċertezza regolatorja għall-kumpaniji, li timpedixxi aċċess xieraq għal ġustizzja għal dawk li ġarrbu danni, iżda jostakola wkoll d-disponibbiltà ta' data ta' kwalità, komparabbli u granulari dwar is-sostenibbiltà li tant hija mitluba kemm mill-investituri kif ukoll mis-sħab kummerċjali. Filwaqt li l-protezzjoni, speċjalment tal-SMEs, minn piż żejjed minħabba r-rekwiżiti ta' rapportar hija preokkupazzjoni pertinenti, jeħtieġ li jkun hemm mod aktar sempliċi u effiċjenti biex dan l-għan jintlaħaq minflok ma jiżżarmaw il-partijiet fundamentali tal-qafas attwali ta' rapportar u diliġenza dovuta dwar is-sostenibbiltà.

******

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi ċ-ċaħda tal-proposta tal-Kummissjoni.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Finnwatch L-Organizzazzjoni Ċentrali tat-Trade Unions Finlandiżi - SAK European Sustainable Investment Forum Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions ETUC Akava - Il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions tal-Persunal Professjonali u Maniġerjali fil-Finlandja Il-Konfederazzjoni Finlandiża tal-Professjonisti - STTK NGOs Finlandiżi għall-Iżvilupp - Fingo Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem European Coalition for Corporate Justice Amnesty International Bank Ċentrali Ewropew

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tad-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà
Referenzi	COM(2025)0081 – C10-0037/2025 – 2025/0045(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 31.3.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 31.3.2025
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Li Andersson 16.4.2025
Eżami fil-kumitat	4.6.2025
Data tal-adozzjoni	4.9.2025
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 18 0: 9
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maravillas Abadía Jover, Li Andersson, Konstantinos Arvanitis, Nikola Bartůšek, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, David Casa, Estelle Ceulemans, Leila Chaibi, Henrik Dahl, Johan Danielsson, Mélanie Disdier, Niels Geuking, Sérgio Humberto, Martine Kemp, Katrin Langensiepen, Marit Maij, Marlena Maląg, Jagna Marczułajtis-Walczak, Idoia Mendia, Branislav Ondruš, Hristo Petrov, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Villy Søvndal, Georgiana Teodorescu, Romana Tomc, Jana Toom, Raffaele Topo, Francesco Torselli, Brigitte van den Berg, Marianne Vind, Mariateresa Vivaldini, Petar Volgin, Jan-Peter Warnke, Séverine Werbrouck
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gordan Bosanac, Valérie Devaux, Kathleen Funchion, Rudi Kennes, Eugen Tomac
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Lena Düpont, Sandra Gómez López, Elisabeth Grossmann, Jorge Martín Frías, Ana Catarina Mendes, Philippe Olivier, Michał Wawrykiewicz

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Ma saret l-ebda votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet